

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u ntiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2014) 3388066, tad-29 ta' Settembru 2014, sa fejn din tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti aċċess sħiħ għad-dokumenti mitluba, bl-eċċeżżjoni tadd-data personali modifikata inkluża fihom.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Philip Morris Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 56, 16.2.2015.

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-20 ta' Settembru 2016 – PAN Europe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-51/15) <sup>(1)</sup>

[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Regolament (KE) Nru 1367/2006 — Dokumenti dwar interferenti endokrinali — Rifjut parzjali ta’ aċċess — Eċċeżżjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali — Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001”]

(2016/C 402/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) (Brussell, il-Belġu) (rappreżentant: B. Kloostera, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Buchet, P. Mihaylova u J. Tomkin, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrent: Ir-Renju tal-Isveja (rappreżentanti: A. Falk, C. Meyer Seitz, U. Persson, N. Otte Widgren, E. Karlsson u L. Swedenborg, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2014, bir-referenza Ares(2014) 3900631, sa fejn tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti dwar l-interferenti endokrinali.

## Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-24 ta' Novembru 2014, bir-referenza (2014) 3900631, hija annullata sa fejn ċaħdet l-aċċess għad-dokumenti msemmijin taħt in-numri 9, 13, 14, 15, 16, 17, 17a, 20, 22, 24, 25, 29, 30, 31, 37, 38, 39, 41, 42 u 43, abbażi tal-ewwel subparagraph tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Pesticide Action Network Europe (PAN Europe).
- 4) Ir-Renju tal-Isveja għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 118, 13.4.2015.